**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 28.09.08: IS-SITTA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**L-ERBGĦA, 1.10.08:** Illum fid-dinja kollha qed jinżamm

I-JUM INTERNAZZJONALI TA' L-ANZJANI

F'din l-okkażjoni l-parroċċa se torganizza ĦARĠA għall-Anzjani kollha.

Nitilqu **fit-3.30p.m**. u x-xarabank tgħaddi mill-Pjazza tal-Knisja għal Triq Ċenċ, lejn Main Street.

Min ikollu xi diffikulta' jinformana fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Illum jibda ix-xahar tar-Rużarju

Kuljum fis**-6.30p.m**. ikun hawn ir-Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat.

**IL-ĦAMIS, 2.10.08:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar

Fis-**7.15a.m**. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

Fis-**7.00p.m**. konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru t-twaqqif tas-saċerdozju u ta' l – Ewkaristija, fil-quddiesa jsir ukoll talb flimkien mal-komunita' bis-salmi.

**IL-ĠIMGĦA, 3.10.08:** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa, u nagħmlu tqarbina riparatriċi.

Illum ikun hawn Ġesu' Espost mit-8.00 sal-11.00a.m. u mis-3.00p.m. 'l quddiem.

Nistieden lil kulħadd biex joffri ftit ħin ħalli jgħaddih ma' Ġesu Ewkaristija.

**Fis-7.00p.m**. quddiesa bis-sehem taż-Żgħażagħ.

**IS-SIBT 4.10.08: FESTA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU** fil-parroċċa tagħna.

Fil-**5.30p.m**. issir ir-reċita tar-rużarju.

**Fis-6.00p.m.** Quddiesa bl-omelija dwar ir-Rużarju tal-Madonna, u dritt wara toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Wara l-omelija jsir it-tberik tal-Katekisti u jingħatalhom l-Mandat għall-ħidma kateketika matul is-sena.

Fil-quddiesa jsir wkoll it-tberik tal-kuruni tar-Rużarju.

Kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem u nitolbu flimkien ħalli l-Missjoni Djoċesana li se sseħħ fostna matul din is-sena tħalli l-frott mixtieq.

**IL-ĦADD, 5.10.08: IS-SEBA' U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**Fil-10.30a.m.** quddiesa li fiha jiġl ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija

**RUŻARJU FIZ-ZONI**

Matul ix-xahar ta' Ottubru se jsir, bħas-soltu, ir-Rużarju fiz-zoni differenti tal-parroċċa. Din is-sena se jkunu fl-Erbgħat (kull nhar ta' Erbgħa). Se jkunu hekk:

**1** ta' Ottubu Fiz-zona ta' Ċenċ bejn Triq Ċenċ u Skerla
**8** ta' Ottubru Zona Dun Luqa, bejn Triq Dun Luqa u Tempju ta' l-Imramma
**15** ta' Ottubru Zona Saguna: bejn Triq it-Tin u l-ikbiex
**22** ta' Ottubru Zona Main: Triq Main ħdejn id-Duluri.
**29** ta' Ottubru Zona Cocco P. : fil-pjazza ta' Cocco Palmeri.

Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem f'dan ir-Rużarju u b'mod partikulari lill-familji ta' dawn iz-zoni.

**BIDU TAD-DUTTRINA:**

Id-**Duttrina** tat-Tfal li jattendu **fil-għodu** u anke tal-bniet ta' Form 1 se tibda nhar it-Tnejn, 6 ta' Otturbu.

Is-Subien li jattendu **fil-Museum** jibdew it-Tnejn 29 ta' Settembru:Year 4 sa Form 1 fis-6.00p.m. u minn Form 2 sa Form 5 fit-7.45p.m.

## Ruzarju fil-familja

Matul dan ix-xahar tar-Rużarju, żomm xbieha tal-Madonna f'post ċentrali tad-dar biex jingħad r-Rużarju quddiemha.